Malta-EU Steering & Action Committee

**Seminar Għar-Raħħala u l-Bdiewa fuq Miżura 121**

**Diskors tal-Egħluq - Dottor Vanni Xuereb, Kap tal-MEUSAC**

Sinjuri,

Hu l-pjaċir tiegħi li nagħmel dawn il-kelmtejn fi  tmiem din il-laqgħa tagħna illejla. L-għan ta' din l-attività kien li jfisser l-iskop tal-Miżura 121, miżura li kif smajna tant tajjeb, se tkopri titjib u mmodernizzar ġenerali ta' strutturi agrikoli, investimenti ambjentali u investimenti li huma konformi ma' normi b'livelli stabbiliti mill-Unjoni Ewropea.

L-organizzazzjoni li mmexxi jien, il-MEUSAC, hi mpenjata li tikkolabora ma' entitajiet oħra biex twassal tagħrif, b'mod li jiftiehem, lis-setturi kollha li jistgħu jibbenfikaw minn programmi u fondi tal-UE. Illum, kien tassew ta' unur għalina li norganizzaw din l-attività flimkien mal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarjiet Rurali u mal-*Bank of Valletta*. Nemmen u nawgura li din il-kollabborazzjoni tkompli tissaħħaħ fix-xhur li ġejjin kemm għall-benefiċċju tagħkom li intom involuti f'dan is-settur, kif ukoll f'setturi oħrajn.

Wieħed mill-għanijiet tal-MEUSAC hu dak li jwassal l-informazzjoni dwar possibiltajiet ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Minbarra dan, bdejna wkoll ngħinu, għalissa bdejna bil-kunsilli lokali, f'dak li għandu x'jaqsam mal-aspetti prattiċi tat-talba għal dawn it-tipi ta' fondi. Qagħad m'għandniex ir-riżorsi kollha neċessarji biex nespandu ħafna minn issa, iżda nittamaw li nkunu nistgħu nagħmlu dan fix-xhur li ġejjin, hekk kif tissaħħaħ l-istruttura tal-MEUSAC.

Il-MEUSAC jaħseb ukoll għall-konsultazzjoni ma' min hu konċernat dwar żviluppi ġodda fl-UE f'oqsma differenti. Ilkoll konxji tal-importanza kbira li l-Agrikoltura tingħata mill-UE. Għalhekk inħeġġiġkom biex, permezz tal-Assoċjazzjonijiet tagħkom, tipparteċipaw fil-proċess ta' konsultazzjoni li qagħdna kemm nedejna ftit ġranet ilu.

Opportunità oħra se tkun laqgħa li se jorganizza l-uffiċċju tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta bil-kollaborazzjoni tal-MEUSAC, nhar it-Tlieta filgħodu bħala parti mill-eżerċizzju "L-Ewropa Tagħti Widen'" fejn nixtiequ nisimgħu minn għandkom kif qed tħossukom issa li Malta hi membru tal-UE - il-benefiċċji, l-isfidi u l-opportunitajiet, u forsi xi problemi li qed tiffaċċjaw. L-Ewropa mhiex biss idea jew xi slogan li ninqdew bih xi kultant. L-Ewropa hi aħna, iċ-ċittadini tal-pajjiżi membri tas-27 pajjiż tal-UE. U għalhekk, importanti li min qed immexxi, f'Malta u fl-istituzzjonijiet diversi tal-UE, jisma', jagħti widen u jwieġeb għal dak li għandu x'jgħid iċ-ċittadin.

Nagħlaq din is-sessjoni billi nirringrazzja lill-istaff tal-MEUSAC, kif ukoll lill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarjiet Rurali u l-*Bank of Valletta*. L-aħħar u mhux l-inqas, nirringrazzjakom talli ġejtu hawn il-lejla u nawguralkom il-lejl t-tajjeb.

**Tel. 2590 9101   Fax 2122 7580    Email: info.meusac@gov.mt**